MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 390/2007

**Il-Pulizija**
**(PS Jason Grima)**
**Vs**
**Joseph Deguara**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Gunju, 2007, ghall-habta tat-3.00 p.m. fil-fond "Sagra Familja" Triq Giovanni Mamo, B'Kara,
1. ingurja u dejjaq lil martu Maria Theresa Deguara u bintu Rodianne Deguara b'mossi u kliem;
2. hebb minghajr ma darab ghal martu Maria Theresa Deguara.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 t'Ottubru, 2007, li biha,

wara li rat l-artikolu 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrih (u dan dejjem purche’ din il-Qorti ma tiddikjarax illi s-sentenza appellata hija nulla ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi), jew liema minnhom, tirriforma l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena, u dan billi tinfliggi kwalsiasi piena ohra li jidhrilha xierqa, idoneja w gusta, ghajr piena karcerarja operattiva.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tal-lum li bih il-parte civile ddikjarat li mhiex interessata fil-piena karcerarja izda tkun sodisfatta li f’dan il-kaz, anki biex ma jigux sfrattati trattattivi ghall-separazzjoni bonarja, ikun hemm piena pekunjarja w garanzija.

Rat illi d-difiza tkun sodisfatta jekk l-appell taghha jintlaqa’ b’dan il-mod.

Rat id-dikjarazzjoni tad-difiza li biha llimitat l-aggravju taghha ghall-piena karcerarja erogata mill-Ewwel Qorti.

In vista ta’ dan l-izvilupp, il-Qorti ghalhekk tara li hemm lok li l-appell jigi milqugh u li l-piena tigi riformata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati taz-zewg akkuzi dedotti kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal gimgha detenzjoni w minflok tikkundannah ghal ammenda ta’ tmienja w hamsin Ewro w tlieta w ghoxrin centezmi (€

58.23) ekwivalenti ghal hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni jekk ma jithallsux illum stess, u wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' martu Maria Tereza Deguara w l-ulied minuri tal-istess appellant flimkien ma' din il-piena, qed torbot lill-appellant b'obbligazzjoni tieghu nnifsu li ma jergax b'xi mod jimmolesta lill-martu Maria Tereza Deguara w lill-uliedu minorenni ghal perjodu ta' sena mill-lum taht penali ta' mitejn u tnejn w tletin Ewro w tnejn u disghin centezmi (€ 232.92) ekwivalenti ghal mitt lira Maltin (LM100) fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------